Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,574, 21 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 16 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work, taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 32 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri u miksub b'marka medja minima ta' 65% fi kwalunkwe qasam ta' studju flimkien ma' minimu ta' 300 siegħa ta' esperjenza relatata mal-kura soċjali miksuba fuq perijodu

massimu ta' għaxar snin immedjatament qabel il-bidu tal-Kors. L-ittra jew ittri ta' attestazzjoni li turi / juru li l-applikant kiseb l-esperjenza meħtieġa għandha tiġi ppreżentata / għandhom jiġu ppreżentati. Matul l-intervista, l-applikanti għandhom jippreżentaw ukoll riflessjonijiet bil-kitba tal-esperjenza tagħhom relatata mal-kura soċjali."

4. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti m'għandhomx ikunu inklużi fir-Reġistru stabbilit skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri (CAP. 518). Wara li jiġu aċċettati fil-kors, l-applikanti jkunu meħtieġa jippreżentaw ċertifikat oriġinali ta' kondotta tajba mill-pulizija, maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati ta' Kondotta. Iċ-ċertifikat irid ikun inħareġ fi żmien sitt xhur qabel id-data tal-preżentazzjoni tiegħu.

(3) (a) L-applikanti kollha jridu juru li għandhom il-ħila u d-dispożizzjoni neċessarja biex isegwu l-Kors u jtemmuh b'suċċess.

(b) Il-kapaċità u d-dispożizzjoni professjonali għandhom ikunu meqjusa permezz ta' intervista personali. L-intervisti għandhom ikunu mmexxija minn bord tal-intervisti magħmul għall-anqas minn tliet membri, maħtur mill-Bord għal dan il-għan.

(c) L-applikanti li jiksbu anqas minn 60% għall-kriterju tal-kapaċità u tad-dispożizzjoni professjonali awtomatikament ma jitħallewx jidħlu fil-Kors."

5. Il-paragrafi (4) sa (6) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

It-Tħassir tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 9 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinamenti 9 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati bħala l-ordinamenti 8 sa 11.